**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 23 ta' Frar 2022**

**Rikors Numru: 422/2012 MLF**

**Joseph Galea**

**vs**

**Maria Dolores Briffa**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tal-attur fejn talab li l-konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' hdax-il elf mitejn u tnax-il ewro u erbgha u tletin centezmu (€11,212.34), jew somma ohra verjuri, rapprezentanti self komplessiv brevi manu somministrat lill-konvenuta f'perjodi diversi mill-attur, liema ammonti l-konvenuta naqset li thallas lura lill-attur.

   Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru 2012, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta.

2. Rat ir-risposta tal-konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi l-intimata qatt ma sselfet flejjes minghand ir-rikorrenti.

ii. Illi somom zghar li r-rikorrenti kien jaghti lill-esponenti minn zmien ghal zmien kien jaghtilhomlha fil-kors tal-konvivenza ta' bejniethom u sabiex l-intimata ttaffi ftit mill-ispejjez li kienet tinkorri ghall-hajja ta' kuljum.

iii. Illi r-rikorrenti ma jistax, issa li l-esponenti tterminat ir-relazzjoni ta' bejniethom jivvessaha billi jivvanta xi dritt li ma jezistix.

`

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. L-attur jikkontendi li matul iz-zmien li kienu jghixu flimkien, il-konvenuta kienet titolbu sabiex jghaddilha xi flejjes b'self bl-intiza li l-konvenuta troddlu dawn il-flejjes lura wara li tigi deciza kawza li l-konvenuta kellha mal-Bank of Valletta plc. L-attur xehed li wara li kienet giet deciza din il-kawza u wara li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiccat, huwa kien talab dawn il-flus lill-konvenuta li ma kenitx hallsitu.[1]

ii. L-attur esebixxa numru ta‘ *cheques* mahruga minn kont mizmum mal-APS Bank Limited f'isem is-socjeta' Freeways Logistics Ltd, u minn fejn jirrizultaw diversi pagamenti maghmula lill-terzi. L-attur jispjega li dawn il-pagamenti kien ghamilhom hu in parti fir-rigward tax-xiri ta' vettura mill-konvenuta ghas-somma komplessiva ta' €9,800, pagament ta' €582.34 rapprezentanti kirja ta' garaxx, u pagament iehor ta' €180 ghal xiri ta' pompa tal-ilma.[2] Finalment jghid

[1] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 9 tal-process
[2] Ara kopji tac-cheques immarkati minn JG2 sa JG10 minn *fol.* 20 sa 29 tal-process

li kien hallas ukoll zewg somom ohra ghall-ammont komplessiv ta' €650 fi flus kontanti ghal xogholijiet li saru fid-dar tal-konvenuta.

iii. Dione Borg, awditur tas-socjeta' Freeways Logistics Ltd xehed li l-pagamenti maghmula permezz ta' dawn ic-*cheques* ma' kellhomx x'jaqsmu mal-operat tal-kumpanija izda kienu pagamenti mahruga mill-attur, li ta' din is-socjeta' huwa Direttur u azzjonist, u li ghalhekk gew addebitati lis-*Shareholder's Loan Account* tal-attur.

iv. Da parti taghha, l-konvenuta tghid li s-somma relattiva ghax-xiri tal-vettura ma kinitx inghatat lilha b'self, izda l-attur kien xtralha din il-vettura bhala rigal f'gheluq sninha. Fir-rigward tal-pagament rapprezentanti kirja ta' garaxx il-konvenuta tghid li dan kien krieh l-attur minn jheddu. Fir-rigward tas-somom l-ohra rapprezentanti xiri ta' pompa tal-ilma u xogholijiet li saru fid-dar taghha, l-konvenuta tghid li ghalkemm hi u l-attur ma kienux mizzewgin, huma kienu jghixu flimkien bhala ragel u mara, u li ghalhekk l-attur kien jghinha fil-manutenzjoni tad-dar. Tghid li l-attur qatt ma kien qalilha li dawn il-hlasijiet riedhom lura.[3]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. B'din il-kawza, l-attur qieghed jitlob il-hlas lura ta' diversi somom rapprezentanti hlasijiet li l-attur jikkontendi li kien ghamel f'isem il-konvenuta taht titolu ta' self brevi manu.

7. Il-konvenuta tilqa' ghat-talba attrici billi tecepixxi li hi qatt ma sselfet flejjes minghand l-attur. Il-konvenuta mhux qeghda tikkontesta li l-attur effetivament ghamel dawn il-hlasijiet, izda tghid li dawn ma kienux self izda hlasijiet li l-attur ghamel minn jheddu. Fir-rigward tal-vettura, l-konvenuta tghid li din kien xtraha l-attur u tahielha bhal rigal f'gheluq sninha.

[3] Ara l-affidavit tal-konvenuta a *fol.* 56 tal-process

8. F'kazijiet bhal dawn meta l-partijiet jaghtu zewg verzjonjiiet tal-fatti li huma kunfliggenti jew opposti ghal xulxin, huwa risaput li l-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda minn dawn il-verzjonijiet teskludix lill-ohra fuq is-soliti kriterji tal-kredibilita', tal-konsistenza u verosomiljanza. F'kawzi ta' natura civili, dan l-ezercizzju l-Qorti ghandha taghmlu fuq il-bilanc tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joholqu fil-gudikant il-konvinzjoni li jaccetta verzjoni u jeskludi l-ohra.

9. Mill-atti processwali ma hemm l-ebda dubju li l-attur irnexxielu jipprova li huwa effettwa l-hlasijiet li taghhom qieghed jitlob ir-restituzzjoni permezz ta' din il-kawza. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti, l-pern tal-kwistjoni huwa l-*animu* li bih saru dawn il-hlasijiet, ghaliex jekk kif tikkontendi l-konvenuta l-hlasijiet da parti tal-attur inghataw bhala rigal jew donazzjoni, dan necessarjament ikun ifisser li jigi nieqes fil-konvenuta l-obbligu tar-restituzzjoni.

10. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Pace vs Rosaria Caruana et** deciza fis-17 ta' Ottubru 1949, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[4] irriteniet hekk: *"... ... biex id-donazzjoni manwali li tkun ezenti mis-solennita' ta' l-att pubbliku stabbilti mil-ligi taht piena ta' nullita' ghad-donazzjonijiet veri u proprji jkollha effikacja guridika, huwa mehtieg (1) li l-oggett mobili moghtija b'rigal ikun tenwi u proporzjonat ghall-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dan jghaddi immedjatament u rrevokabilment f'idejn id- donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament il-volonta` li jiddona u li jizvesti ruhu immedjatament u irrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona".*

11. Gie wkoll ritenut li min jallega d-donazzjoni ghandu l-obbligu li jipprovaha permezz ta' provi cari. Fis-sentenza fl-ismijiet **Carmela Scicluna et vs Carmela Psaila** deciza fl-4 ta' Novembru 1946, fejn tressqet eccezzjoni f'dan is-sens, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[5] rriteniet hekk: "*Illi l-konvenut bl-eccezzjoni tieghu assuma li jipprova d-donazzjoni minnu allegata, fuq il-principju li "reus excipiendo fit actor", jew ahjar "reus in exceptione actor est"*." Il-Qorti kompliet illi: *"... sabiex ikun hemm*

[4] *Per* Imhallef Dr A. V. Camilleri
[5] *Per* Imhallef Dr A. V. Camilleri

*dikjarazzjoni gudizzjarja li sehhet donazzjoni, sija proprja kemm improprja, irid ikun hemm provi cari u mhux suspetti ta' interess mill-parti tad-donatarju…".*

12. Fis-sentenza fl-ismijiet **Margaret Woodall vs Anthony Rapa** deciza fid-19 ta' Novembru 2001, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[6] irriteniet illi: *"Hu car li f'sitwazzjonijiet bhal dawn fejn ikun ammess illi l-flus ikunu gew mghoddija taht xi titolu lill-konvenut u fejn ikun hemm kunflitt dwar taht liema titolu jkunu gew hekk trasferiti, multo magis meta l-konflitt ikun dwar jekk it-titolu jkunx wiehed onoruz ossija gratuwitu, kull dubbju fl-interpretazzjoni tal-provi kellu jmur favur min ikun effettivament avanza l-flus. Dana fis-sens illi kellha tigi favorita l-interpretazzjoni li kienet inqas gravuza ghalih. F'dan il-kaz hu manifest illi wiehed kellu allura jtendi lejn il-prova tas-self u mhux lejn il-prova tal-liberalita' tramite donazzjoni. Titolu ta' trasferiment dan li kien jirrikjedi prova ferm aktar rigoruza u certa minn dik rikjesta fil-kaz tat-titolu ta' self."*

13. B'applikazzjoni ta' dawn il-principji, ladarba ma huwiex ikkontestat li l-hlasijiet da parti tal-attur saru u ladarba kienet il-konvenuta li allegat id-donazzjoni, l-oneru sabiex tipprova illi l-flejjes in kwistjoni ma kienux inghatawlha b'titolu ta' self izda bhala rigal kien jinkombi fuq il-konvenuta. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenuta ma rnexxiliex tipprova b'mod car, inekwivoku u konklussiv li l-hlasijiet kollha li ghamel l-attur a beneficcju taghha inghatawlha b'titolu ta' donazzjoni. Mill-atti processwali l-Qorti ma sabet ebda prova konkreta li meta l-attur ghamel dawn il-hlasijiet, l-animu tieghu kien li dan kien rigal li kien qieghed jaghti lill-konvenuta ghal dejjem kif irid l-artikolu 1737 tal-Kodici Civili li jiddefenixxi d-donazzjoni bhala *"kuntratt li bih id-donatur, għal dejjem u bla ħlas, jittrasferixxi ħaġa lid-donatarju, li dan jaċċetta."*

14. Ghalkemm huwa minnu illi l-partijiet kienu jinsabu f'relazzjoni, mill-kumpless tac-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma hijiex konvinta li l-attur kellu l-volonta' li jizvesti ruhu minn flusu gratwitament. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni ghab-bazi tas-segwenti elementi probatorji:

[6] *Per* Imhallef Dr Joseph Said Pullicino

a. fir-rigward tal-hlas rapprezentanti l-kirja ta' garaxx, Carmelo Farrugia kkonferma li dan il-garaxx kien ilu jigi mikri lill-konvenuta ghal hafna snin u li lill-attur lanqas biss kien jaf min hu.[7] Dan jistona ferm ma' dak ddikjarat mill-konvenuta fl-affidavit taghha fejn ghar-rigward ta' dan il-garaxx xehdet hekk: *"Dan krieh hu minn jeddu u qatt ma semma li riedhom lura."*[8]

b. jirrizulta li parti sostanzjali mill-ammont pretiz mill-attur, u cioe' s-somma ta' €9,800, tirraprezenta l-prezz ta' xiri ta' vettura. Il-konvenuta tallega li din il-vettura nghatat lilha mill-attur bhala rigal. Il-Qorti tqis li oggett ta' dan il-valur certament ma jistghax jigi kkunsidrat bhala rigal tenwu. F'kull kaz lanqas gie ppruvat l-element ta' proporzjonalita' ta' dan l-allegat rigal mal-kondizzjonijiet ekonomici tal-attur.

c. fir-rigward tal-vettura, il-verzjoni tal-attur hija kkorraborata minn dik ta' Brian Cutajar, li ghan-nom ta' Regina Auto Dealer, ikkonferma li l-vettura kienet inxtrat fuq isem il-konvenuta u bhala parti minn negozju kien sar tpartit ma' vettura ohra li kienet tappartjeni lill-konvenuta. Dan ix-xhud spjega li l-ftehim kien li l-bilanc tal-prezz kellu jithallas b'pagamenti mensili u dan wara li l-attur kien ikkonfermalu li kien *"ser jaghmlilha tajjeb hu"* b'referenza ghall-hlasijiet dovuti mill-konvenuta.[9]

d. ghalkemm huwa veru li in sostenn tat-tezi taghha l-konvenuta produciet bhala xhieda lil uliedha u lin-namrat ta' ohtha, il-Qorti ma tqisx bhala plawsibbli din ix-xhieda meta analizzata fil-kumpless tal-provi.

e. Il-messagg fuq bil-mobile, li l-attur baghat lill-konvenuta wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom, u li fih isemmi fost affarijiet ohra l-vettura u l-hlas tal-garaxx, ma jikkostitwix prova li dawn l-affarijiet, flimkien ma oggetti ohra imsemmija fl-istess messagg, inghataw lill-konvenuta b'titolu ta' donazzjoni. Fil-fatt l-istess messagg jintemm bil-kliem *'niltaqaw il-Qorti ghax kif atlek namel x'namel mijek naqlaha'.* Dan il-kliem juri li l-attur kellu intenzjoni li jiftah din il-kawza fiz-zmien li ntbaghat il-messagg.

---

[7] Ara x-xhieda ta' Carmelo Farrugia a *fol.* 36 tal-process
[8] Ara l-affidavit tal-konvenuta a *fol.* 56 tal-process
[9] Ara x-xhieda ta' Brian Cutajar a *fol.* 40 tal-process

15. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u ladarba l-konvenuta ma rnexxiliex tipprova l-ispirtu ta' liberalita' tal-attur tramite donazzjoni fir-rigward tas-somma ta' €582.34 rapprezentanti l-kirja ta' garaxx u s-somma ta' €9,800 rapprezentanti l-prezz ta' xiri ta' vettura, il-Qorti tqis li dawn il-hlasijiet saru b'titolu ta' self, li jgib mieghu l-obbligu tar-restituzzjoni.

16. Madankollu, u ghal dak li jirrigwarda l-hlas relattiv ghal xiri ta' pompa tal-ilma, u l-hlas ta' €650 fi flus kontanti ghal xogholijiet li saru fid-dar tal-konvenuta, il-Qorti tqis li mill-assjem tal-provi huwa aktar verosimili li dawn il-hlasijiet saru bhala parti mill-kontribut li kien jaghmel l-attur ghall-bzonnijiet tal-hajja, u dan stante li l-attur kien jirrisjedi fid-dar tal-konvenuta. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni anke ghab-bazi tal-fatt li oltre il-hlasijiet mertu ta' din il-kawza, kien hemm hlasijiet ohrajn, bhal xiri ta' *washing machine*, li l-attur kien jaghti jew jaghmel a beneficcju tal-konvenuta li taghhom ma huwiex qieghed jitlob il-hlas.[10]

17. Ghal fini ta' kompletezza, il-Qorti tosserva li fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom il-partijiet ghamlu referenza ampja ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Pierre Caruana vs Sarah Micallef** nhar il-11 ta' Novembru 2013. F'dak il-kaz, dik il-Qorti kienet ghamlet kunsiderazzjonijiet ghab-bazi tar-rimedju sussidjarju maghruf bhala l-*actio de in rem verso*, li huwa koncess limitatament f'kaz li ma hijiex esperibbli azzjoni ohra sabiex taghmel tajjeb ghad-dannu. F'dan il-kaz it-talba tal-attur hi arginata fuq is-self brevi manu ta' somma flus, liema self jirrientra fil-qafas tal-mutwu, u ghalhekk l-azzjoni attrici hija wahda *ex contractu.*

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda:

    1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenuta.

[10] Ara f'dan is-sens l-affidavit ta' l-attur a *fol.* 9 u l-affidavit ta' Jasper Azzopardi a *fol.* 59 tal-process

2. Tichad l-ewwel u t-tielet eccezzjonijiet tal-konvenuta.

3. Tilqa' limitatament it-talba tal-attur u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' ghaxar t'elef tlett mija u tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€10,382.34), bl-imghaxijiet legali mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Tenut kont tal-konkluzjonijiet ta' din il-Qorti, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jinqasmu in kwantu ghal parti minn hamsa (1/5) a karigu tal-attur u in kwantu ghal erba' partijiet minn hamsa (4/5) a karigu tal-konvenuta.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**